**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 398/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Stephen Mifsud**
**(ID 425172 (M))**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephen Mifsud** ta' 38 sena, iben Carmel u Maria nee` Debono, imwieled il-Pieta`, nhar it-8 ta' Lulju 1972, resident ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 4251472 (M);

Akkużat talli fil-31 ta' Marzu 2010, u fi żminijiet u ħinijiet qabel, waqt li kien fil-Faċilita` Korretiva ta' Kordin u f'dawn il-gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Methadone* speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li

d-droga imsemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tiegħu, skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' April 2013, il-partijiet qablu li f'kaz ta' ammissjoni u mingħajr preġudizzju, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma jkunux kontra piena ta' ħames xhur priġunerija effettiva, piena li taqa' fil-parametri tal-liġi. Fl-istess seduta, il-Qorti ddikjarat li fil-waqt li kienet ser tieħu din it-talba in konsiderazzjoni, ma kinitx sejra tintrabat biha;

Rat illi sussegwentement, fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013, b'referenza għall-verbal tal-5 ta' April 2013 u b'mod speċifiku għal dik il-parti fejn il-partijiet qablu dwar il-piena li għandha tingħata f'każ ta' ammissjoni, il-Qorti ddikjarat in-nuqqas ta' aderżjoni tagħha ma' dak lilha suġġerit u stiednet lid-difiża sabiex tirregola ruħha dwar il-mod kif kienet ser tipproċedi. Il-Qorti għamlet din id-dikjarazzjoni in linea mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tat-13 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed**;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2017, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat illi mix-xhieda ta' **CO 150 Emanuel Cassar**[1] u ta' **CO 25 Raymond Cutajar**[2], jirriżulta illi fil-31 ta' Marzu 2010 saret spezzjoni ġewwa ċ-ċella numru wieħed f'Diviżjoni 13, liema ċella kienet okkupata unikament mill-imputat. Fiċ-ċella, fejn is-sodda nstab flixkun tal-*Coca-Cola* li fih kien hemm likwidu ta' lewn aħdar. Il-flixkun kontenti l-likwidu jidher fir-ritratti mmarkati 10 AQB 101 u 102, liema ritratti ttiehdu minn **PS 644 Evan Camilleri** maħtur bħala *Scene of the Crime Photographer* fl-inkjesta li saret dwar dan il-każ.[3] **PS 100 Terence Azzopardi**[4] xehed illi fl-1 ta' April 2010, l-Għassa ta' Raħal Ġdid irċeviet rapport illi fil-jum ta' qabel, għall-ħabta tan-nofs siegħa (12:30), waqt spezzjoni fiċ-ċella ta' ċertu Stephen Mifsud, ossia ċ-ċella numru wieħed, f'Diviżjoni 13, instab flixkun tal-*Coca* li kien fih likwidu aħdar, liema flixkun ġie elevat għaliex kien hemm suspett li dan kien *Methadone.* Skont ix-xhud, minn investigazzjonijiet li saru mal-*MI Room*, irriżulta illi l-imputat ma kienx jieħu *methadone.*[5]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu, liema dokument kien jikkonsisti f'borża tal-plastik ta' lewn abjad, li kien fiha borża tal-plastik kontenenti flixkun tal-*Coca Cola®* li fih likwidu ta' lewn aħdar skur. Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fil-likwidu ta' lewn aħdar skur instabet is-sustanza *Methadone*. Il-volum tal-likwidu kien ta' 150mls. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[6]

Qieset ukoll in-natura tas-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ u ċioe` illi din instabet fil-pussess tiegħu waqt illi kien qed jiskonta piena karċerarja ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u għalhekk fit-termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn.

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 69 sa 71 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 80 sa 83 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 73 u 74 u r-relazzjoni esebita bħala 'Dok. EC' a fol. 36 sa 40 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 75 sa 77 tal-proċess.
[5] Ara l-PIRS report esebit bħala Dok. TA, a fol. 78 u 79 tal-proċess.
[6] Ara x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 67 u 68 u r-relazzjoni esebita bħala Dok. GS a fol. 27 sa 34 tal-proċess.

Qieset ukoll għal fini ta' piena, il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Novembru 2020, liema fedina penali hija waħda refrattarja ferm u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar diversi reati fosthom reati konnessi ma' droga, inkluż ukoll traffikar ta' droga eroina, serq aggravat f'diversi okkażjonijiet u ħsara volontarja f'iżjed minn okkażjoni waħda, kif ukoll ħsara involontarja u assoċjazzjoni fir-reat ta' serq aggravat, sewqan bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'diversi okkażjonijiet, reati kontravvenzjonali u talli kkawża feriti ta' natura gravi f'iżjed minn okkażjoni waħda u feriti ta' natura ħafifa wkoll f'iżjed minn okkażjoni waħda u talli ġab ruħu b'mod li ta fastidju u kkaġuna lil numru ta' persuni biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħhom, dwar liema huwa ġie kkundannat diversi drabi piena ta' priġunerija effettiva. L-aħħar kundanna fil-konfront tal-imputat tirrisali għal Mejju ta' din is-sena. Jidher għalhekk illi l-imputat baqa' ma tgħallimx mill-iżbalji tiegħu.

Qieset ukoll illi b'ammissjoni tiegħu, l-imputat huwa reċidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Qieset in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2010. Madankollu, minkejja illi l-Prosekuzzjoni ntavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti f' Ottubru 2011 u l-ewwel smiegħ tal-kawża quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, seħħ fi Frar 2012, u għalhekk kważi sentejn wara li seħħ il-każ, il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha f'Ġunju 2014 u l-maġġor parti tad-dewmien kien dovut għall-fatt illi l-imputat naqas milli jidher għas-smiegħ tal-kawża diversi drabi, minkejja li kien debitament notifikat u f'diversi okkażjonijiet oħrajn li fihom il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu jew inkella ordnat li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ, huwa baqa' ma nstabx; dan naturalment minkejja li huwa kien ben konxju tal-fatt illi l-kawża odjerna kienet għadha pendenti.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, ħamsa u ħamsin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€155.47), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 644 Evan Camilleri, *Scene of the Crime Photographer*, ammontanti għas-somma ta' dsatax-

il ewro u disgħa u sebgħin ċentezmu (€19.79), b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' mija, ħamsa u sebgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€175.26), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza in kwistjoni, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat